**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 ta' Lulju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Joseph Penza detentur tal-Karta tal-Identità numru 382255M**

**u**

**George Muscat detentur tal-Karta tal-identita` numru 331967M**

**Kumpilazzjoni Nru. 108/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Joseph Penza u George Muscat u ċioè:

1. Fix-xahar t'Awwissu, 2011 u diversi xhur u snin qabel dan iż-żmien, waqt li kienu fil-fond Saint Vincent De Paule fi Triq L-Mgieret Hal-Luqa u f'dawn il-gżejjer, irrendew ruħhom kompliċi f'delitt ta' serq ta' laħmijiet, mediċini

u/jew oġġetti oħra għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra billi b'xi mod li jkun għenu jew assistew lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom dan id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat.

2. talli fl-istess ċirkustanzi bħala uffiċjali jew impjegati pubbliki għal xi vantaġġ privat tagħhom, għamlu użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli, li kienu fdati lilhom minħabba l-kariga jew impjieg tagħhom jew sraqtu l-istess oġġetti li huma prorpjetà tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra.

3. talli fl-istess ċirkustanzi xjentament xtraw jew laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod ieħor li jkun indaħlu biex jbiegħu jew imexxuhom.

F'kaz ta' ħtija taħt l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti giet mitluba li tapplika l-interdizzjoni generali tal-imsemmija Joseph Penza u George Muscat.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 t'Ottubru, 2014.[1]

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi dan huwa kaz li jirrigwarda zewg impjegati fl-Isptar San Vincenz de Paule, u cioe' zewg kokkijiet[2], li gie allegat li kienu konsapevolment qed jaghtu ikel u medicini lill-impjegati ohra, liema oggetti mhux necessarjament kienu qed jigu kkunsmati fuq il-post.

Illi l-kaz kien fegg hekk kif fil-31 t'Awissu, 2011, inqabad certu Frans Chetcuti impjegat f'San Vincenz, hiereg b'xi priezet u gobon mill-Isptar, liema ikel kien jammonta ghal €19.08 Euros.[3] Dakinhar irrizulta li George Muscat ma kienx xoghol. Meta twaqqaf Chetcuti kien qal li dak l-ikel kien gie moghti lilu izda ghall-ewwel ma zvelax minn min, izda meta gie mistoqsi

[1] Fol.97
[2] Muscat kien impjegat bhala health assistant izda kien jaghmilha ta kok.
[3] 9 kilos gammon li kien stmat jiswa €10.45c, kilo majjal stmat jiswa €3.74 u 2 kilos gobon Edam stmat jiswa €5.49c: per PS679 Salvu Camilleri. Vide ukoll SZ1 fol.23 u senjatament SZ3 fol.29

mill-Principal Security Officer, Charles Said, Chetcuti qallu li il-laham kien hadu hu izda l-gobon tahulu Penza.[4]

Wara li l-kaz gie rrapurtat lill-Pulizija, Chetcuti kien gie investigat mill-Ispettur Spiridione Zammit fejn dan kien qallu li kien ilu jiehu lahmijiet u ikel iehor mill-kcina tal-Isptar ghal madwar 4 snin u kien jikkumpensa lil Penza u Muscat, li kienu jtuh l-ikel, bi prodotti mill-Ispizerija fejn kien jahdem bhala Health Assistant. Sussegwentement saru tfittxijiet fir-residenza ta' Penza u fil-locker tieghu minn fejn instabu Duphalax Solution u Silver Derma cream bl-emblema tad-dipartiment tas-sahha fuqhom (DH).

Fl-istqarrijijiet[5] rrilaxxati minnu, Penza kien cahad li qatt kien ta xi lahmijiet lil Chetcuti jew li kien jaf li kien qed jittiehed xi laham mill-kcina. Penza ammetta li dakinhar li nqabad Chetcuti, filghodu kien mar hdejh u talbu bicca gobon ghal toast u dan baghtu jiehu minn fuq il-mejda filwaqt li hu kellhu delivery u mar jiehu hsiebha. Meta Penza rritorna Chetcuti kien lahaq telaq. Jammetti ukoll li gieli ta xi bicca tigiega lil Chetcuti u lil ohrajn. Dwar medicinali li nstabu ghandu jixhed li kien inghata xi affarijiet mid-day clinic filwaqt li jammetti li Chetcuti gieli tah xi medicina mill-ispizerija.

Minn naha tieghu Muscat rrilaxxa zewg stqarrijijiet[6] fejn ammetta mal-Ispettur li <u>tul l-ahhar tlett snin gieli ta xi prodotti tal-ikel lil Chetcuti izda qatt ma basar li dan kien ser jiehdu mieghu id-dar</u>. Jghid li meta tah xi prodotti kien minghalih li dan kien ser jigi kkunsmat fuq il-post tax-xoghol. Muscat ma jichadx li Chetcuti gieli tah xi cream u shampoo mill-ispizerija fejn kien jahdem. Simili ghal dak li xehed Penza, jiddikjara li gieli nghata prodotti medicinali u xort'ohra mill-ispizerija, fejn gieli anke kienet tinghata ricetta tat-tabib![7] Minn qari tal-istqarrija tieghu jidher bic-cjar li Muscat jaghmel dikjarazzjonijiet li certament ma jghinux il-kaz tieghu ghall-finijiet ta' dak li qed jigi akkuzat bih; jaghti hafna dettal dwar dak li kien isehh bejnu u Chetcuti meta jiddeskrivi xi prodotti kien jaghtih, jekk l-ikel li kien jaghtih kienx ikun nejj jew imsajjar, u l-frekwenza li biha kien jaghmel dan.

Illi ghalhekk din il-Qorti tara li ma jaghmel ebda sens li l-imputati filwaqt li jammettu li kienu jaghtu ikel kemm lil Chectuti kif ukoll lill-impjegati ohra, u dan ghal medda ta' zmien, jaghzlu li ma jkunux veritjieri dwar dak li sehh

---

[4] Fol.30 et seq
[5] SZ5-6, Fol.42, 45
[6] SZ8 fol.49; SZ9 fol.53
[7] Penza fil-fatt anke jghid li gieli kien inghata prodotti over the counter izda wara iddahhlet is-sistema li trid tintwera ricotta, fol.44

nhar il-31 t'Awissu, 2011, meta inneggaw li tawh xi ikel biex jiehdu mieghu id-dar. Wara kollox u kif kkonfermat minn Dr Ronald Fiorentino, Muscat ma kienx xoghol![8]

Francis Chetcuti li kien ghadu kif ghadda proceduri kriminali fejn kien inghata sentenza sospiza fil-massimu, jghid li meta kien immur jitlob ghal xi affarijiet minghandhom, u precizament mill-kcina fejn kienu jahdmu, dawn kienu jaqduh. Izid *"Tlabthom biex niehu bicca hobz u zbaljajt u hrigthom jien. Tlabt biex niehu bicca hobz bihom u zbaljajt ghax hrigthom".[9] Jghid li kien ilu jaghmel hekk ghal madwar erba snin.* Il-Qorti tinnota li dan jaqbel ma dak li qal Muscat peress li kien stqarr hekk f'Settembru, 2011, u Chetcuti xehed f'Gunju, 2014! Dan kien isseh darba fix-xahar jew darbtejn kull tlett xhur.[10]Muscat kien fil-fatt xehed li Chetcuti kien jitolbu ghal xi bicca gobon rarament forsi darba f'xahar filwaqt li kien jitolbu xi lahmijiet *"darba qisu kull hmistax jew darba f'xahar".*[11] Jaqbel ukoll fuq dak li xehed Muscat meta jghid li kien jaghmel hekk. Jammetti li ta sikwiet kien jaqbad u jidhol fil-kcina u jiekol xi haga u li drabi kien jaqbad u jiehu l-affarijiet mieghu d-dar. Dan kien ikun xi bicciet zghar u gieli, forsi darbtejn tawh madwar xi kilo perzut[12] u jkompli li kien hemm okkazzjonijiet meta ha xi kilo perzut u kien izommu fil-fridge l-isptar stess.[13] Dan kien jaghmlu ghax kif jghid iktar il-quddiem hu *"Ghax gieli kont insajjar hemmhekk ukoll jien jigifieri mhux niehdu kollu. Gieli kont insajjar hemm."[14]* **Jikkonferma dak li stqarrew l-imputati meta jghid li huma ma kienux jafu li hu kien ser jiehu xi affarijiet id-dar *"...kont nitlob nghidilhom biex niehu bicca hobz, u kienu jtuni.......qatt m'ghidtlu biex nohroghom il' barra....".*[15]** Jixhed li kien hemm drabi fejn qabdu u tawh xi lahmijiet u drabi fejn talbu xi oggetti minghandu. Riprodott Chetcuti jispjega li meta kien jghaddi xi prodotti mill-ispizerija, galadarba hu kien fattiga, dan kien jaghmlu *".....bil-permess ta' haddiehor. Issa meta giet bir-ricetti, gieli kienu jigu huma u gieli kienu jtuni ricetta, kont immur nitlob lil minn hu ikbar minni u jtuni. Meta giet nfurzata l-ligi tar-ricetti kienu jigu huma personali......kont ingibilhom il-medicini minghand haddiehor bil-permess taghhom."[16]* Jerga jikkonferma li fl-erba' snin li semma aktar il-quddiem, qatt ma kien qal lill-imputati li kien ser jiehu xi affarijiet tal-ikel mieghu d-dar izda ghall-kuntrarju kien

[8] Xhieda 6.02.2014
[9] Fol.78
[10] Fol.79
[11] Fol.50
[12] Fol.80
[13] Fol.82
[14] Fol.94
[15] Fol.81
[16] Fol.93

jghidilhom li riedu biex jieklu mal-hobz jew ghax gieli kien isajjar hemmhekk.[17]

Dwar l-ewwel imputazzjoni ta serq ser issir riferenza ghal dak li jghid il-Carrara li jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "***Contrectatio*** *dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.*"[18] Il-Professur Mamo imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, l-Qorti taghmel esposizzjoni dettaljata ta' dak li ighidu l-awturi fosthom il-Carrara, Crivellari u il-Professur Mamo:

*"Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

Il-Crivellari imbaghad ighid:
*"l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare."*

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Steve Spiteri u Clayton Cremona:[19]**
"Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, dan jimpernja fuq il-*vexata questio* dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-*'contrecatio'* li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta' serq, kif defenit mill-guristi Taljani w kif segwit u appikat mill-gurisprudenza nostrana. Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law – Part II,) :-

*"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."*

Umbaghad il-**Mamo** jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe' dik li tekwipara l-*contrectatio* mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih: *"amotio"*; dik li tghid li l-*contrectatio* tikkonsisti fl-*"apprehensio"* jew "*amotio de loco ad locum"* u cioe' li l-oggett irid ikun inhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-

[17] Fol.94
[18] Vide Criminal Appeal: The Police vs Mario Tanti 09.12.1944
[19] Appell Kriminali Numru. 202/2009, 24 ta' Settembru, 2009

possessur legittimu w it-tielet teorija li ttenni li l-'*contrectatio'* issir biss meta l-halliel jiehu r-*refurtiva* fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha *"loco quo destinaverat*". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju fil-Larceny Act Ingliz."

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali flismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**[20] saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dik tal-approprijazzjoni indebita:
"Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favuor l-agent."

Ghalhekk maghdud dana kollu jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana il-kaz mhumiex imsejsa fuq l-elementi tar-reat tas-serq jew dak ta' ricettazzjoni. It-tehid jew 'l-hekk imsejjah *contrectatio* ma jirrizultax. L-ikel kien gja fil-pussess tal-imputati u dan inghata lil Chetcuti bil-kunsens taghhom. Mill-provi prodotti jirrizulta biss li dana it-tehid kien qed isir minghajr il-kunsens tas-sid in kwantu biss ghall-uzu li l-imputati ghamlu minnu. Lanqas ma jirrizulta li xtraw jew laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ix-xhieda ta' Chetcuti turi bic-cjar li bejnu u l-imputati ma kien hemm l-ebda *common design,* element essenzjali sabiex tissussusti l-komplicita` fis-serq li kif inghad ma jirrizultax.

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid is-segwenti dwar 'l hekk imsejjah *concursus delinquentium*:
*"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act <u>in pursuance of a common design</u> to commit that offence."* (sottolinjar tal-Qorti).

Ikompli:

*"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. … "*

[20] 09.06.1998.

In vista ta' dan kollu l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet ma gewx pruvati u ghalhekk l-imputati qed jigu liberati mill-akkuzi addebitati lilhom.

Illi l-Qorti hi prekluza milli tikkunsidra jekk jistax jirrizulta r-reat ta' approprijazzjoni indebita peress li l-artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mid-dispozizzjonijiet rezi applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bis-sahha tal-artikolu 525 tal-istess Kodici.

Illi fil-kaz in dizamina, l-imputati qed jigu akkuzati ukoll bir-reat hekk imsejjah 'peculato' jew embezzlement. It-tieni imputazzjoni tidher li nghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni. L-element essenzjali ghal dan ir-reat hu li l-awtur irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku.

Illi ser issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju 2012[21], fejn il-Qorti rriteniet:

"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et.**:[22]

*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Jidher ghalhekk illi l-mens rea fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-**ufficjal pubbliku** li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat

[21] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Magistrat Dr Edwina Grima
[22] 13.03.1998, App. Krim

lilu u dana b'mod frawdolenti biex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li ma ngiebet ebda prova li l-imputati kienu ufficjali jew impjegati pubblici. Dr Ronald Fiorentino, is-Supretendent ta' l-Isptar St. Vincent De Paule, li ta d-deposizzjoni tieghu fl-2014, kwazi tlett snin wara li nbdew l-investigazzjonijiet, semplicement ikkonferma li l-imputati *"huma"* impjegati tal-Gvern (u cioe` fiz-zmien li kien qed jixhed).

Illi dan definittivament ma jikkostitwix l-ahjar prova sabiex jigi determinat jekk l-imputati humiex ufficjali jew impjegati pubblici, bhal ma kieku kien ikun il-kaz li kieku ttelghu bhala xhieda rapprezentanti tal-Management and Personnel Office, l-Ufficju tal-Prim Ministru jew xi dipartiment iehor b'risponsabbilita` ghas-servizz pubbliku, ossia l-istess xhud gab xi prova dokumentarja li setghet ticcertifika dan l-element essenzjali ghar-reat ta' storn. Fiorentino lanqas ma ta twegiba dwar kemm kienu ilhom impjegati tal-gvern l-imputati meta il-prova kellha tkun jekk fiz-zmien indikat fl-akkuzi, u cioe' f'Awissu 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, l-imputati kienux jissodisfaw dan il-kwezit.[23]

Ghalhekk certament lanqas ma tista tinstab htija taht l-artikolu 127 tal-Kap. IX ta' l-Ligijiet ta' Malta dwar din l-imputazzjoni u ghaldaqstant l-imputati qed jigu liberati mill-istess imputazzjoni.

Ghaldaqstant abbazi ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba il-konfront taghhom.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[23] Xhieda 06.02.2014